MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 2020/1998/1

**Avukat Dottor Sandra Sladden**
**ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta’ Vodafone Malta**
**Limited gia Telecell Limited**

**Vs**

**Emmanuel Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attrici nomine s-somma ta’ erba mija u sitta u hamsin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm456.73) bilanc ta’ somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta’ mobile telephone u airtime ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu mill-14 ta‘ Settembru 1995 sas-27 ta’ Marzu 1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Settembru 1995.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa:-

Illi huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici u f'kull kaz, l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148 (a, b u f) tal-Kodici Civili).

Salvi eccezzonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fl-20 ta' Frar 2002 (fol 18 et seq ibid) u dan in konnessjoni mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni kif sollevata mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jinghad, minnufih illi l-konvenut ma ssottometta ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni sollevata minnu dwar il-meritu ta' dan il-kaz, liema eccezzjoni ma tispecifikax ir-raguni, jew ragjunijiet, ghaliex l-ammont pretiz ma hux dovut minnu.

Illi, da parti tal-attrici nomine, giet prodotta Sharon Calleja (fol 23 sa fol 25 ibid) li oltre li esebit kopja tal-ftehim relattiv ghal dan il-kaz kif ukoll "statement" dwar l-ammont pretiz, ikkonfermat, ukoll, illi l-istess ammont kien ghadu dovut mill-konvenut ghall-attrici nomine (ara wkoll fol 22 u fol 26 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici trid tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici nomine s-somma ta' Lm456.73,0 bl-imghaxijiet legali mill-20 ta'

Ottubru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja msemmija fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------